MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 71/2003

**ANDREWS FEEDS (Malta) Ltd**

**vs**

**Emmanuel AZZOPARDI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-23 ta' Jannar, 2003, li bih is-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi s-soċjeta' Maltija ANDREWS FEEDS (MALTA) LIMITED hija kreditriċi tal-konvenut, EMMANUEL AZZOPARDI fl-ammont ta' sitta u tletin elf tmien mija u wieħed u erbgħin liri maltin u disa' u sittin ċentezmi (LM36841.69) rapprezentanti għalf ordnat u konsenjat lill-konvenut;

Illi s-soċjeta’ attriċi talbet lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont dovut diversi drabi u minkejja dan il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta stante li dan id-debitu huwa ċert, likwidu u skadut u fil- fehma tas-soċjeta’ attriċi l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x’jagħti;

Għalhekk is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex in vista tal-premess:

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegħ a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundnna lill-konvenut iħallas is-somma ta’ sitta u tletin elf tmien mija u wieħed u erbgħin liri maltin u disgħa u sittin ċentezmu (Lm36841.69) inkluz imgħax legali;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi flimkien mal-affidavit mehmuż magħha;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum għall-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni wara li l-Qorti ngħatat assikurazzjoni li l-effetti tal-imsemmija Nota kienu magħrufa;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeċiedi billi **tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni b’dan illi tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta’ sitta u tletin elf tmien mija u wieħed u erbgħin liri maltin u disgħa u sittin ċentezmu (Lm36841.69) inkluz imgħax legali u bl-

ispejjeż u bl-imgħax relattiv sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------